MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Numru 396/2007

Il-Pulizija
(Spettur A Portelli)

vs

Clifford Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 0281183(M) akkuzat talli:

1. nhar it-8 ta’ Novembru 2005 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifatura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. nhar it-8 ta’ Novembru 2005 waqt li kien ir-Rabat (Malta) ikkommetta serq ta’ ornament mill-hanut ‘Roman’s Villa Center’ ir-Rabat (Malta), liema serq sar ghad-dannu tas-sidien ta’ l-imsemmi fond;

3. f’xi zmien matul ix-xhur tas-Sajf 2005 ikkommetta serq ta’ apparat elettroniku mill-bajja ta’ l-Ghadira u mill-bajja ta’ Ghajn Tuffieha, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-detriment ta’ persuni mhux maghrufa.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammisjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Stante l-ammisjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi li **jirrigwardjaw pussess ta’ droga u serq**.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Rat l-Artikolu 22 tal-Kap 101, l-Artikolu261 (c) (e) u 17 tal-Kap 17 tiddeciedi wara li qieset ic-cirkostanzi li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ tlett snin u bil-kondizzjoni esplicità li l-imputat jissottometti ghat-test ta’ l-urina minn ta’ l-inqas darba fix-xahar jew f’kull zmien kif jigi ordnat mill-ufficjal tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------